

Brussell, 7 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13075/22

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0340(COD)

CODEC 1398
ENV 946
ENT 132
COMPET 752
IND 380
SAN 542
CONSOM 242
MI 701
CHIMIE 87
PE 118

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda l-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-pollutanti organiċi persistenti - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 3 sas-6 ta' Ottubru 2022)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI), Pascal CANFIN (RE, FR), ressaq, f'isem il-Kumitat, emenda ta' kompromess (l-emenda numru 17) għall-proposta għal Regolament msemmija hawn fuq u emenda (l-emenda numru 18) għar-risoluzzjoni leġiżlattiva li fiha dikjarazzjoni. Dawn l-emendi kien intlaħaq qbil dwarhom matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fl-4 ta' Ottubru 2022, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 17) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq, kif ukoll l-emenda 18 għar-risoluzzjoni leġiżlattiva. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tidher fl-Anness għal dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P9_TA(2022)0342

Emenda tal-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021 dwar il-pollutanti organiċi persistenti *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-pollutanti organiċi persistenti (COM(2021)0656 – C9-0396/2021 – 2021/0340(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0656),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0396/2021),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-8 ta' Diċembru 2021³,
- wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-29 ta' Ġunju 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0092/2022),

³ ĠU C 152, 6.4.2022, p. 197.

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taht⁴;
2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

⁴ Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fit-3 ta' Mejju 2022 (Testi adottati, P9_TA(2022)0130).

P9_TC1-COD(2021)0340

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-4 ta' Ottubru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021 dwar il-pollutanti organiċi persistenti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Wara li kkonsultaw lill-Komitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁶,

⁵ ĠU C 152, 6.4.2022, p. 197.

⁶ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2022.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ dwar il-pollutanti organiċi persistenti jimplimenta *fil-livell* tal-Unjoni l-impenji stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes ("il-Konvenzjoni"), approvata fisem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE⁸, u fil-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila rigward Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes, approvat fisem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/259/KE⁹.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE tal-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1).

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/259/KE tad-19 ta' Frar 2004 li għandha x'taqsam mal-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Li Jwassal Ħafna dwar Pollutanti Organiċi Persistenti (ĠU L 81, 19.3.2004, p. 35).

- (2) Fis-seba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, li saret bejn l-4 u l-15 ta' Mejju 2015, kien hemm qbil li l-pentaklorofenol, l-imlieh u l-esteri tiegħu ("pentaklorofenol") jiġu inklużi fl-Anness A tal-Konvenzjoni. Fid-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, li saret mid-29 ta' April sal-10 ta' Mejju 2019, ġie miftiehem li d-dikofol kif ukoll l-aċidu perfluworoottanojku (PFOA), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA jiġu inklużi fl-Anness A tal-Konvenzjoni. ***Fl-għaxar laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, li saret mis-6 sas-17 ta' Ġunju 2022, ġie miftiehem li aċidu perfluworożan sulfoniku (PFHxS), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFHxS jiġu inklużi fl-Anness A għall-Konvenzjoni.*** Fid-dawl ta' dawk l-emendi għall-Konvenzjoni u biex jiġi żgurat li l-iskart li jkun fih dawk is-sustanzi jiġi ġestit f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni, huwa neċessarju wkoll li jiġu emendati l-Annessi IV u V għar-Regolament (UE) 2019/1021 billi jiġu inklużi l-pentaklorofenol, id-dikofol u l-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA, ***kif ukoll il-PFHxS, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFHxS*** fl-Annessi u li jindikaw il-limiti ta' konċentrazzjoni korrispondenti tagħhom.

- (3) Il-pentaklorofenol kien preċedentement elenkat fl-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/636¹¹, b'valur tal-Anness IV ta' 100 mg/kg u b'valur tal-Anness V ta' 1 000 mg/kg. Ir-Regolament (UE) 2019/1021, li ħassar ir-Regolament (KE) Nru 850/2004, ħalla barra b'mod mhux intenzjonat il-pentaklorofenol. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu emendati l-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021 biex jinkludu l-pentaklorofenol.

¹⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7).

¹¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/636 tat-23 ta' April 2019 li jemenda l-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 109, 24.4.2019, p. 6).

- (4) L-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021 diġà fihom limiti ta' konċentrazzjoni għas-sustanzi jew għall-gruppi ta' sustanzi li ġejjin: (a) is-somma tal-konċentrazzjonijiet ta' etere tat-tetrabromodifenil, etere tal-pentabromodifenil, etere tal-eżabromodifenil, etere tal-ettabromodifenil u etere tad-dekabromodifenil (bl-eċċezzjoni tal-aħħar, li ma huwiex elenkat fl-Anness V ta' dak ir-Regolament); (b) Eżabromoċiklododekan; (c) Alkani C₁₀-C₁₃, kloro (paraffini klorurati ta' katina qasira) (SCCPs); u (d) Dibenzo-p-diossini u dibenzofurani poliklorurati (PCDD/PCDF). Skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1021, huwa xieraq li jiġu emendati l-limiti ta' konċentrazzjoni fl-Anness IV għal dawk is-sustanzi biex jadattaw il-valuri limitu tagħhom għall-progress xjentifiku u tekniku. Sabiex ikun hemm konsistenza mal-lista tal-eteri tad-difenil polibromurati (PBDEs) stabbilita fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1021, is-sustanza etere tad-dekabromodifenil jenħtieġ li tiġi inkluża fost il-PBDEs elenkati fit-tielet kolonna tal-Anness V ta' dak ir-Regolament.

- (5) *Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiġbru data dwar l-ammont attwali ta' PCDD/PCDF u ta' bifenili poliklorurati simili għad-diossini (dl-PCBs) fl-irmied u n-nugrufun minn djar privati, kif ukoll fl-irmied li jtir minn unitajiet tal-bijomassa għall-produzzjoni tas-sħana u tal-enerġija, u biex l-Istati Membri jingħataw biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimplimentaw ir-Regolament (UE) 2019/1021, il-limitu ta' konċentrazzjoni emendat għas-somma ta' PCDD/PCDF u dl-PCBs jenħtieġ li, fir-rigward tal-irmied u n-nugrufun minn djar privati u għall-irmied li jtir minn unitajiet tal-bijomassa, japplika fi stadju aktar tard wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Sabiex jippermettu t-tfassil ta' politiki xierqa għall-ġbir u t-trattament ta' dawk l-irmied u n-nugrufun u biex jappoġġaw ir-rieżami msemmi fl-Anness IV u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/1021, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru informazzjoni dwar il-preżenza ta' PCDD/PCDF u dl-PCBs fir-irmied u n-nugrufun minn djar privati u fl-irmied li jtir minn unitajiet tal-bijomassa għall-produzzjoni tas-sħana u l-enerġija. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tkun disponibbli mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2026.*

- (6) *Fir-rigward tal-PBDEs elenkati fir-Regolament (UE) 2019/1021, il-limitu ta' konċentrazzjoni għas-somma ta' dawk is-sustanzi fl-iskart jenħtieġ li jiġi stabbilit għal 500 mg/kg. Filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-konċentrazzjonijiet tal-PBDEs li qed jonqsu f'ċertu skart, li jirriżultaw mil-limitazzjonijiet eżistenti dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-PBDEs, u fid-dawl tal-evoluzzjoni possibbli tal-metodi ta' separazzjoni u analitiċi rilevanti, jenħtieġ li l-valur limitu jitnaqqas għal 350 mg/kg tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għal 200 mg/kg 5 snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.*
- (7) Meta jitqies li sottogrupp ta' 12-il konġeneru tal-PCB, jiġifieri l-PCB-77, PCB-81, PCB-105, PCB-114, PCB-118, PCB-123, PCB-126, PCB-156, PCB-157, PCB-167, PCB-169 u PCB 189, magħrufa bħala dl-PCBs, għandhom proprjetajiet tossikoloġiċi li jixbhu mill-qrib dawk tal-PCDD/PCDF, u sabiex jitqies l-effett aggregat tal-komposti kollha simili għad-diossini elenkati fir-Regolament (UE) 2019/1021, huwa xieraq li d-dl-PCBs jiġu inklużi fl-entrata eżistenti tal-grupp għall-PCDD/PCDF fl-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021. Il-lista tal-valuri tal-fattur ta' ekwivalenza tossika fil-Parti 2 tal-Anness V ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li tiġi emendata wkoll biex jiġu introdotti l-valuri korrispondenti għall-konġeneri individwali tad-dl-PCB.

- (8) Il-limiti ta' konċentrazzjoni proposti fl-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021 ġew stabbiliti bl-applikazzjoni tal-istess metodoloġija li ntużat biex jiġu stabbiliti l-limiti ta' konċentrazzjoni fl-emendi preċedenti tal-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 850/2004. Il-limiti ta' konċentrazzjoni proposti jenħtieġ li **jkunu bbażati fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni kif stabbilit fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u jenħtieġ li jkollhom l-għan li jeliminaw, fejn fattibbli, ir-rilaxx ta' pollutanti organiċi persistenti fl-ambjent, sabiex jilħqu l-oġettiv ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent assoċjat mal-qerda jew mat-trasformazzjoni irriversibbli tas-sustanzi kkonċernati. Dawk il-limiti jenħtieġ li jqisu wkoll l-oġettiv ta' politika usa' li tinkiseb **l-ambizzjoni ta' tniġġis zero għal ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi, żieda fir-riċiklaġġ, tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-iżvilupp ta' ċikli ta' materjal mhux tossiku u ekonomija ċirkolari mhux tossika**, minqax fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Patt Ekoloġiku Ewropew".**

- (9) *Il-limiti ta' konċentrazzjoni speċifikati fl-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021 jenħtieġ li jkunu koerenti u li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà - Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità".*
- (10) *Biex tiġi żgurata traċċabbiltà aħjar u trattament effettiv tal-iskart li jkun fih pollutanti organiċi persistenti, u biex jiġu evitati l-inkonsistenzi fil-liġi tal-Unjoni, huwa neċessarju li tiġi żgurata l-koerenza bejn id-dispożizzjonijiet relatati mal-iskart li jkun fih il-pollutanti organiċi persistenti, li oriġinalment kienu stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 850/2004, u li issa tħassar bir-Regolament (UE) 2019/1021, u dawk stabbiliti wara. Il-Kummissjoni, għalhekk, jenħtieġ li tivvaluta jekk ikunx xieraq li l-iskart li fih kwalunkwe pollutant organiku persistenti li jaqbeż il-limiti ta' konċentrazzjoni speċifikati fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1021 jiġi kklassifikat bħala perikoluż, u tressaq, jekk ikun xieraq, proposta leġiżlattiva biex temenda, b'konsegwenza, id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹² jew proposta biex temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/UE¹³, jew it-tnejn li huma.*

¹² Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

¹³ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3).

- (11) *Skont l-objettivi tal-Istrateġija dwar it-Tessuti, stabbiliti fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 2022 intitolata "Strateġija tal-UE għal Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari", il-prodotti tat-tessuti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu fil-biċċa l-kbira magħmula minn fibri riċiklati li jkunu ħielsa minn sustanzi perikolużi. Sabiex jiġi żgurat li t-tessuti riċiklati jkunu ħielsa minn sustanzi kimiċi perikolużi bħall-PFOA mill-bidu nett, jehntieg li jissaħħu l-valuri ta' limitu għall-PFOA, l-implieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA fl-iskart peress li l-preżenza tagħhom jista' jkollha impatt fuq il-ġbir u t-trattament tal-iskart tat-tessuti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li għalhekk tirrevedi l-limitu ta' konċentrazzjoni bil-ħsieb li tnaqqas il-valur, fejn tali tnaqqis ikun fattibbli skont il-progress xjentifiku u tekniku.*
- (12) Għalhekk ir-Regolament (UE) 2019/1021 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

- (13) Huwa xieraq li jiġi previst perjodu suffiċjenti ta' żmien li jippermetti lill-kumpaniji u lill-awtoritajiet kompetenti jadattaw ruħhom għar-rekwiżiti l-ġodda.
- (14) *Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem mill-pollutanti organiċi persistenti, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, minħabba l-effetti transkonfini ta' dawk il-pollutanti, iżda jista' pjuttost jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dak l-objettiv,*

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2019/1021 huwa emendat kif ġej:

(1) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 21a

Dispożizzjoni tranżizzjonali

- 1. Valur ta' 10 µg/kg għandu japplika għall-irmied li jtir minn unitajiet tal-bijomassa għall-produzzjoni tas-sħana u l-enerġija li fihom jew li huma kkontaminati minn dibenżo-p-diossini poliklorurati u dibenżofurani (PCDD/PCDF) u bifenili poliklorurati simili għad-diossini (dl-PCBs) kif elenkat fl-Anness IV sa... [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-valur ta' 5 µg/kg previst fl-Anness IV għandu japplika għall-irmied li jtir minn unitajiet tal-bijomassa għall-produzzjoni tas-sħana u l-enerġija minn... [sena + jum wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*

2. Valur ta' 15 µg/kg għandu jibqa' japplika għall-irmied u n-nugrufun minn djar privati li jkun fih jew li jkun ikkontaminat minn dibenżo-p-diossini poliklorurati u dibenżofurani (PCDD/PCDF), kif elenkat fl-Anness IV sal-31 ta' Diċembru 2024. Għall-irmied u n-nugrufun minn djar privati li jkun fih jew li jkun ikkontaminat minn dibenżo-p-diossini poliklorinati u dibenżofurani (PCDD/PCDF) u bifenili poliklorurati simili għad-diossini (dl-PCBs), il-valur ta' 5 µg/kg previst fl-Anness IV għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.";

(2) L-Annessi IV u V għandhom jiġu emendati skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk ikunx xieraq li temenda d-Direttiva 2008/98/KE jew id-Deċiżjoni 2000/532/KE, jew it-tnejn li huma, biex jiġi rikonoxxut li l-iskart li jkun fih kwalunkwe pollutant organiku persistenti li jaqbeż il-limiti ta' konċentrazzjoni speċifikati fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1021 għandu jiġi kklassifikat bħala perikoluż, u, jekk xieraq, abbażi ta' dik il-valutazzjoni u mhux aktar tard minn 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandha tressaq proposta leġiżlattiva biex temenda, b'konsegwenza, id-Direttiva 2008/98/KE jew proposta biex temenda d-Deċiżjoni 2000/532/KE, jew it-tnejn li huma.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika minn ... [6 xhur mill-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

ANNEX

L-Annessi IV u V huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness IV huwa emendat kif ġej:

(a) jiżdiedu r-ringieli li ġejjin fit-tabella:

"Pentaklorofenol u l-imlieh u l-esteri tiegħu	87-86-5 u oħrajn	201-778-6 u oħrajn	100 mg/kg
Dikofol	115-32-2	204-082-0	50 mg /kg
Aċidu perfluworooottanojku (PFOA), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA, <i>kif stabbilit fl-Anness I</i>	335-67-1 u oħrajn	206-397-9 u oħrajn	1 mg/kg (PFOA u l-imlieh tiegħu), 40 mg/kg (<i>is-somma tal-komposti relatati mal-PFOA</i>) <i>Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dak il-limitu ta' konċentrazzjoni u, meta xieraq, għandha tadotta proposta leġiżlattiva biex tbaxxi dak il-valur, fejn dan it-tnaqqis ikun fattibbli u f'konformità mal-progress xjentifiku u tekniku, mhux aktar tard minn ... [5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].</i>

<p><i>Aċidu perfluworoeżan sulfoniku (PFHxS), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFHxS</i></p>	<p><i>355-46-4 u oħrajn</i></p>	<p><i>355-46-4 u oħrajn</i></p>	<p><i>1 mg/kg</i> <i>(PFHxS u l-imlieh tiegħu),</i> <i>40 mg/kg</i> <i>(is-somma tal-komposti relatati mal-PFHxS)</i> <i>Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dak il-limitu ta' konċentrazzjoni u, meta xieraq, għandha tadotta proposta leġiżlattiva biex tbaxxi dak il-valur, fejn dan it-tnaqqis ikun fattibbli u f'konformità mal-progress xjentifiku u tekniku, mhux aktar tard minn ... [5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].";</i></p>
---	---------------------------------	---------------------------------	---

- (b) ir-ringieli għas-sustanza Alkani C₁₀-C₁₃, kloro (paraffini klorurati ta' katina qasira) (SCCPs) hija sostitwita b'dan li ġej:

"Alkani C ₁₀ -C ₁₃ , kloro (paraffini klorurati ta' katina qasira) (SCCPs)	85535-84-8	287-476-5	1 500 mg/kg <i>Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dak il-limitu ta' konċentrazzjoni u, meta jkun xieraq, għandha tadotta proposta leġislattiva biex dak il-valur jitbaxxa mhux aktar tard minn ... [5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].";</i>
--	------------	-----------	---

- (c) ir-ringieli għas-sustanzi Etere tat-tetrabromodifenil $C_{12}H_6Br_4O$, Etere tal-pentabromodifenil $C_{12}H_5Br_5O$, Etere tal-eżabromodifenil $C_{12}H_4Br_6O$, Etere tal-ettabromodifenil $C_{12}H_3Br_7O$ u Etere tad-dekabromodifenil; $C_{12}Br_{10}O$ huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Etere tat-tetrabromodifenil $C_{12}H_6Br_4O$	40088-47-9 u oħrajn	254-787-2 u oħrajn	Is-somma tal-konċentrazzjonijiet ta' etere tat-tetrabromodifenil $C_{12}H_6Br_4O$, etere tal-pentabromodifenil $C_{12}H_5Br_5O$, etere tal-eżabromodifenil $C_{12}H_4Br_6O$, etere tal-ettabromodifenil $C_{12}H_3Br_7O$ u etere tad-dekabromodifenil $C_{12}Br_{10}O$: (a) sa ... [il-jum ta' qabel id-data fil-punt (b)], 500 mg/kg; (b) minn ... [3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] sa ... [il-jum ta' qabel id-data fil-punt (c)], 350 mg/kg jew, jekk ogħla, is-somma tal-konċentrazzjoni ta' dawg is-sustanzi fejn ikunu preżenti f'taħlitiet jew f'oġġetti, kif stabbilit fir-raba' kolonna, punt 2, tal-Anness I għas-sustanzi etere tat-tetrabromodifenil, etere tal-pentabromodifenil, etere tal-eżabromodifenil, etere tal-ettabromodifenil u etere tad-dekabromodifenil; (c) minn ... [5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-
Etere tal-pentabromodifenil $C_{12}H_5Br_5O$	32534-81-9 u oħrajn	251-084-2 u oħrajn	
Etere tal-eżabromodifenil $C_{12}H_4Br_6O$	36483-60-0 u oħrajn	253-058-6 u oħrajn	

			Regolament], 200 mg/kg jew, jekk ogħla, is-somma tal-konċentrazzjoni ta' daww is-sustanzi fejn ikunu preżenti f'taħlitiet jew f'oġġetti, kif stabbilit fir-raba' kolonna, punt 2, tal-Anness I għas-sustanzi etere tat-tetrabromodifenil, etere tal-pentabromodifenil, etere tal-eżabromodifenil, etere tal-ettabromodifenil u etere tad-dekabromodifenil."
Etere tal-ettabromodifenil C ₁₂ H ₃ Br ₇ O	68928-80-3 u oħrajn	273-031-2 u oħrajn	
Etere tal-bis(pentabromofenil) (etere tad-dekabromodifenil; decaBDE) C ₁₂ Br ₁₀ O	1163-19-5 u oħrajn	214-604-9 u oħrajn	

(d) ir-ringiela għas-sustanzi Dibenzo-p-diossini u dibenzofurani poliklorurati (PCDD/PCDF) hija sostitwita b'dan li ġej:

<p>"Dibenzo-p-diossini u dibenzofurani poliklorurati (PCDD/PCDF) u bifenili poliklorurati simili għad-diossini (dl-PCBs)</p>			<p>5 µg/kg⁽¹⁾</p> <p><i>Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dak il-limitu ta' konċentrazzjoni u, meta xieraq, għandha tadotta proposta leġiżlattiva biex tbaxxi dak il-valur, fejn dan it-tnaqqis ikun fattibbli u f'konformità mal-progress xjentifiku u tekniku, mhux aktar tard minn ... [5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].</i></p>
--	--	--	--

(1) Il-limitu huwa kkalkulat bħala s-somma ta' PCDD, PCDF u dl-PCBs skont il-fatturi ta' ekwivalenza tossika (TEFs) stabbiliti fil-Parti 2, fit-tielet paragrafu, fit-tabella, tal-Anness V.";

(e) ir-ringiela għas-sustanza eżabromoċiklododekan hija sostitwita b'dan li ġej:

"Eżabromoċiklododekan" ⁽⁴⁾	25637-99-4, 3194-55-6, 134237-50-6, 134237-51-7, 134237-52-8	247-148-4 221-695-9	500 mg/kg <i>Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dak il-limitu ta' konċentrazzjoni u, meta jkun xieraq, għandha tadotta proposta leġislattiva biex tbaxxi dak il-valur għal mhux aktar tard minn 200 mg/kg mhux aktar tard minn ... [5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].</i>
---------------------------------------	--	------------------------	--

(4) "Eżabromoċiklododekan" tfisser eżabromoċiklododekan, 1,2,5,6,9,10-eżabromoċiklododekan u d-diasterjoisomeri prinċipali tiegħu: alfa-eżabromoċiklododekan, beta-eżabromoċiklododekan u gamma-eżabromoċiklododekan.";

(2) il-Parti 2 tal-Anness V hija emendata kif ġej:

(a) *fit-tieni paragrafu, l-ewwel kolonna tat-tabella, intestata "Skart kif klassifikat fid-Deċiżjoni 2000/532/KE", hija emendata kif ġej:*

(i) *it-test li ġej jiddaħħal wara "10.01 Skart minn impjanti tal-enerġija u impjanti oħra ta' kombustjoni (minbarra 19):*

"10 01 03: rmied li jtir tal-pit u tal-injam mhux trattat";

(ii) *it-test li ġej jiddaħħal wara "17 05 03* Ħamrija u ġebel li fihom sustanzi perikolużi":*

"17 05 04: ħamrija u ġebel għajr għal dawk imsemmija f'17 05 03";

(iii) *it-test li ġej jiddaħħal wara "19 04 03* Fażi solida mhux vitrifikata":*

"20 SKART MUNIĊIPALI (SKART MID-DJAR U SKART SIMILI KUMMERĊJALI, INDUSTRIJALI U ISTITUZZJONALI) INKLUŻI FRAZZJONIJIET MIĠBURA SEPARATAMENT

20 01: frazzjonijiet miġbura separatament (għajr għal 15 01)

20 01 41: skart mit-tindif taċ-ċmieni";

- (b) fit-tieni paragrafu, it-tieni kolonna tat-tabella, *intestata* "Limiti massimi ta' konċentrazzjoni tas-sustanzi elenkati fl-Anness IV", hija emendata kif ġej:
- (i) it-test "Polychlorinated dibenzo-p-dioxins and dibenzofurans: 5 mg/kg;" huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "Dibenzo-p-diossini u dibenzofurani poliklorurati u bifenili poliklorurati simili għad-diossini (dl-PCBs): 5 mg/kg;"
- (ii) it-test "Sum of the concentrations of tetrabromodiphenyl ether (C₁₂H₆Br₄O), pentabromodiphenyl ether (C₁₂H₅Br₅O), hexabromodiphenyl ether (C₁₂H₄Br₆O) and heptabromodiphenyl ether (C₁₂H₃Br₇O): 10 000 mg/kg;" huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "Is-somma tal-konċentrazzjonijiet ta' etere tat-tetrabromodifenil (C₁₂H₆Br₄O), Etere tal-pentabromodifenil (C₁₂H₅Br₅O), Etere tal-eżabromodifenil (C₁₂H₄Br₆O) u Etere tal-ettabromodifenil (C₁₂H₃Br₇O) u Etere tad-dekabromodifenil (C₁₂Br₁₀O): 10 000 mg/kg;"

(iii) it-test li ġej jiżdied wara "Toxaphene: 5 000 mg/kg.":

"Pentaklorofenol u l-imlieh u l-esteri tiegħu: 1 000 mg/kg;

Dikofol: 5 000 mg/kg;

Aċidu perfluworoottanju (PFOA), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA: 50 mg/kg (PFOA u l-imlieh tiegħu), 2 000 mg/kg (komposti relatati mal-PFOA);

Aċidu perfluworoeżan sulfoniku (PFHxS), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFHxS:

50 mg/kg (PFHxS u l-imlieh tiegħu), 2 000 mg/kg (komposti relatati mal-PFHxS).";

(c) it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-limitu massimu ta' konċentrazzjoni tad-dibenzo-p-diossini u d-dibenzofurani poliklorurati (PCDD u PCDF) u tal-bifenili poliklorurati (dl-PCBs) għandu jiġi kkalkulat skont il-fatturi ta' ekwivalenza tossika (TEFs) li ġejjin:

Fatturi ta' ekwivalenza tat-tossiċità (TEFs) għal PCDD, PCDF u dl-PCBs

PCDD	TEF
2,3,7,8-TeCDD	1
1,2,3,7,8-PeCDD	1
1,2,3,4,7,8-HxCDD	0,1
1,2,3,6,7,8-HxCDD	0,1
1,2,3,7,8,9-HxCDD	0,1
1,2,3,4,6,7,8-HpCDD	0,01
OCDD	0,0003
PCDF	TEF
2,3,7,8-TeCDF	0,1
1,2,3,7,8-PeCDF	0,03
2,3,4,7,8-PeCDF	0,3
1,2,3,4,7,8-HxCDF	0,1
1,2,3,6,7,8-HxCDF	0,1
1,2,3,7,8,9-HxCDF	0,1
2,3,4,6,7,8-HxCDF	0,1
1,2,3,4,6,7,8-HpCDF	0,01
1,2,3,4,7,8,9-HpCDF	0,01
OCDF	0,0003

dl-PCBs	TEF
PCB 77	0,0001
PCB 81	0,0003
PCB 105	0,00003
PCB 114	0,00003
PCB 118	0,00003
PCB 123	0,00003
PCB 126	0,1
PCB 169	0,03
PCB 156	0,00003
PCB 157	0,00003
PCB 167	0,00003
PCB 189	0,00003

".

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fl-okkażjoni tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/...^{14*}
dwar l-inklużjoni tal-kodiċi tal-iskart 17 05 04 "ħamrija u ġebel minbarra dawk imsemmija
f'17 05 03" fil-parti 2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/1021**

L-inklużjoni fil-parti 2 tal-Anness V tal-kodiċi tal-iskart għal "ħamrija u ġebel għajr dawk imsemmija f'170503" ma għandhiex tinftehem li tiffavorixxi r-rimi tal-ħamrija bħala skart minflok ir-rimedju bil-ħsieb li tiġi evitata l-ġenerazzjoni tal-iskart.

Fejn ir-rimi joffri l-aħjar għażla għall-immaniġġjar tal-iskart ambjentali, id-deroga eċċezzjonali mit-trattament distruttiv hija soġġetta għar-rekwiżiti tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2019/1021."

¹⁴ ĠU ...

* ĠU jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-dokument fil-COD 2021/0340 fit-titolu u żid ir-referenzi tal-pubblikazzjoni tiegħu fin-nota fqiegħ il-paġna.